IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 2.8.2010
KUMM(2010)417 finali

C7-0199/10

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'applikazzjoni tal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (l-applikazzjoni EGF/2009/031 DK/Linak mid-Danimarka)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda[1] jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) (il-punt 28) fi ħdan il-limitu annwali ta' EUR 500 miljun esklużi l-intestaturi relevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-EGF huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni[2].

Fit-8 ta' Settembru 2009, id-Danimarka ressqet l-applikazzjoni EGF/2009/031 DK/Linak għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF, wara li ngħatat 198 sensja f'Linak A/S fid-Danimarka.

Wara analiżi fil-fond ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet — skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 — li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament huma ssodisfatti.

## TAQSIRA TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

| **Dejta ewlenija:** | |
|---|---|
| Nru ta' referenza tal-EGF | EGF/2009/031 |
| Stat Membru | Id-Danimarka |
| Artikolu 2 | (c) |
| Intrapriżi milquta | Linak A/S |
| Ir-reġjun NUTS II | DK03 - Syddanmark |
| Taqsima NACE Reviżjoni 2 | Mhux applikabbli |
| Perjodu ta' referenza | 01/11/2008 – 30/06/2009 |
| Data tal-bidu għas-servizzi personalizzati | 01/10/2009 |
| Id-data tal-applikazzjoni | 08/09/2009 |
| Sensji waqt il-perjodu ta' referenza: | 198 |
| Ħaddiema li sfaw qiegħda fil-mira tal-appoġġ | 139 |
| Servizzi personalizzati: baġit f'EUR | 1 771 544 |
| In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF[3] baġit f'EUR | 95 393 |
| In-nefqa f'% għall-implimentazzjoni tal-EGF | 5.1 % |
| Baġit totali f'EUR | 1 866 936 |
| Il-kontribuzzjoni EGF f'EUR (65 %) | 1 213 508 |

1. L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fit-8 ta' Settembru 2009 u kienet sostnuta b'tagħrif addizzjonali sat-30 ta' Marzu 2010.

---

1 ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
2 ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.
3 Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006

2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' intervent mill-EGF kif stipulat fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u tressqet fil-limitu ta' żmien ta' 10 ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

**Ir-rabta bejn is-sensji u t-tibdiliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjin minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali**

3. Sabiex tiġi stabbilita r-relazzjoni bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, id-Danimarka qed targumenta li s-sensji f'Linak A/S huma konsegwenza diretta tad-deterjorament f'salt fit-talba għall-makkinarju mekkaniku u elettroniku b'riżultat tal-kriżi ekonomika u r-riċessjoni assoċjata magħha. Din tipprovdi evidenza statistika mill-Eurostat li turi li fl-UE l-iżvilupp ġeneralment favorevoli fil-produzzjoni fis-settur 'manifattura tal-makkinarju u t-tagħmir' inbidel b'mod drammatiku fl-aħħar tliet xhur tal-2008. Bejn l-aħħar tliet xhur tal-2008 u t-tielet tliet xhur tal-2009 kemm fid-Danimarka kif ukoll fil-Ġermanja (il-produttur ewlieni fl-UE) ġie reġistrat tnaqqis fil-produzzjoni ta' 25% u aktar.

It-tnaqqis fil-produzzjoni kkawżat mill-kriżi kompla għarraq sitwazzjoni li diġà kienet diffiċli għall-kumpaniji fis-settur. B'konsegwenza tal-pressjonijiet mill-Asja fuq il-kosti, fejn l-ispjjeż marbuta max-xogħol huma frazzjon ta' dawk fl-UE, il-produzzjoni kienet ilha titbiegħed 'il barra mill-UE, inkluż mid-Danimarka.

Linak A/S ukoll intlaqtet mill-pressjonijiet fuq il-kosti. Id-Danimarka tagħraf li s-sensji f'Linak u kumpaniji oħrajn fis-settur kienu se jingħataw f'kull każ, iżda setgħu jingħataw fuq perjodu itwal, u allura messhom ġew ippjanati aħjar u setgħu ġew indirizzati b'anqas problemi.

Minħabba li hija negozju mmexxi mill-familja, Linak A/S ma tippubblikax tagħrif finanzjarju, iżda d-direttur tar-riżorsi umani tal-kumpanija kien ikkwotat fl-istampa li qal li s-sensji kienu kawża diretta ta' tnaqqis dejjem aktar gravi fil-bejgħ. Linak A/S hija attiva fl-istess settur tad-Danfoss Group, li wkoll ta s-sensja lil għadd sinifikanti ta' ħaddiema fl-istess reġjun kawża ta' waqgħa drastika fil-bejgħ madwar id-dinja.

Id-Danimarka ma tistenniex li bosta mill-impjiegi li ntilfu f'Linak se jmorru lura d-Danimarka, imqar wara l-kriżi. Il-pressjonijiet fuq il-kostijiet fis-settur, flimkien mal-importanza dejjem tikber tas-swieq fl-Asja u reġjuni oħra mhux tal-UE se jassiguraw li jekk ikun hemm kapaċità ġdida ta' produzzjoni, din aktarx tkun stabbilita barra l-UE.

**Indikazzjoni tan-numru ta' sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(c)**

4. Id-Danimarka ressqet din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li tippermetti lill-Istati Membri li f'ċirkustanzi eċċezzjonali, b'ġustifkazzjoni xierqa mill-Istat Membru kkonċernat, iressqu applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-EGF anke jekk il-kriterji ta' intervent stipulati fil-punti (a) jew (b) ma jkunux ġew sodisfatti għal kollox, meta l-issensjar ikollu effett serju fuq ix-xogħol u fuq l-ekonomija lokali.

Is-sensji f'Linak A/S jikkoinċidu, fiż-żmien u l-post, ma' avveniment ieħor sinifikanti ta' sensji li hu s-suġġett ta' applikazzjoni separata tal-EGF (EGF/2009/015 DK/Danfoss Group). Din l-applikazzjoni tikkonċerna 1 443 sensja fi

tliet kumpaniji relatati fis-settur tal-inġinerija f'Sønderborg fid-Danimarka t'Isfel. Sønderborg hija muniċipalità ta' bejn wieħed u ieħor 76 000 persuna f'parti relattivament iżolata tad-Danimarka. Is-sensji f'Linak seħħew fl-istess muniċipalità, fl-istess żmien, u jikkonċernaw ħaddiema f'wieħed mis-setturi fejn kien attiv id-Danfoss Group.

Is-sensji fid-Danfoss Group seħħew f'żewġ taqsimiet differenti tan-NACE 2 (27 u 28) u dawk f'Linak seħħew fit-taqsima 27 tan-NACE 2. Għal din ir-raġuni, mhix possibbli applikazzjoni kkumbinata li tkopri l-ħaddiema kollha skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

L-impatt fuq is-suq lokali tax-xogħol se jkun partikolarment b'saħħtu, u għaldaqstant l-opportunitajiet għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja se jonqsu. Meta jitqiesu flimkien, iż-żewġ avvenimenti ta' għoti ta' sensji kellhom effett devastanti fuq is-suq lokali tax-xogħol, li ra l-qgħad jitla' għal 250% bejn nofs l-2008 u nofs l-2009.

Id-Danimarka targumenta li l-koinċidenza taż-żewġ avvenimenti ta' għoti ta' sensji toħloq sitwazzjoni mhux tas-soltu kif ukoll diffiċli għall-ħaddiema u r-reġjun ikkonċernati, u li dan jitlob li l-każ preżenti (Linak A/S) jitqies bħala ċirkostanza eċċezzjonali.

5. L-applikazzjoni hija deroga mill-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 minħabba li l-għadd ta' sensji huwa inqas mill-faxxa ta' 500 sensja fuq perjodu ta' disa' xhur li jitlob l-artikolu.. Id-Danimarka targumenta li l-għadd kbir ta' sensji fl-applikazzjoni separata tal-EGF għad-Danfoss Group, li bosta minnhom seħħew fl-istess taqsima tan-NACE 2 huwa evidenza li s-settur sofra tfixkil ekonomiku serju.

6. L-applikazzjoni ssemmi 198 sensja f'Linak A/S tul il-perjodu mill-1 ta' Novembru 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009. Is-sensji kollha ġew ikkalkolati skont id-dispożizzjonijiet tat-tieni inċiż tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

Id-Danimarka targumenta li din l-applikazzjoni hi eċċezzjonali u tiġġustifika l-intervent tal-EGF minħabba li s-sensji ngħataw fl-istess settur, fl-istess żmien, u fl-istess reġjun, bħal dawk li diġà huma suġġetti għal applikazzjoni għall-EGF (skont il-każ EGF/2009/015 DK/Danfoss Group). In-natura eċċezzjonali tal-każ tikkonsisti fil-kumbinazzjoni ta' dawn il-fatturi, li flimkien isarrfu f'sitwazzjoni mhux tas-soltu u diffiċli għall-ħaddiema u r-reġjun ikkonċernati.

**Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji**

7. Id-Danimarka targumenta li l-kriżi ekonomika u finanzjarja globali kompliet għarrqet sitwazzjoni li diġà kienet diffiċli għall-intrapriżi fis-settur tal-inġinerija. Il-pressjonijiet fuq il-kostijiet kienu ilhom jagħfsu fuq l-intrapriżi f'pajjiżi b'kostijiet għoljin, u t-tnaqqis fit-talba u allura fil-produzzjoni li ġabet magħha l-kriżi ma ħalla ebda għażla lil Linak A/S ħlief dik li tagħlaq il-faċilitajiet tal-produzzjoni li bdew jagħmlu t-telf. Il-kriżi ħabta u sabta fissret li ma setgħux jinstabu alternattivi fil-pront, u l-gravità tar-riċessjoni fissret li t-telf li ġarrab il-Grupp ma kienx sostenibbli.

**Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema fil-mira tal-għajnuna**

8. L-applikazzjoni ssemmi total ta' 198 sensja fl-intrapriża Linak A/S .

Id-Danimarka tikkalkula li 70% tal-ħaddiema mogħtija s-sensja (139) se jkunu qed jirċievu l-għajnuna mill-EGF. It-30% li fadal huma mistennija jsibu impjieg b'inizjattiva tagħhom stess mingħajr ma jitolbu għajnuna mill-EGF.

9. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira huwa kif ġej:

| **Kategorija** | **Għadd** | **Perċentwali** |
|---|---|---|
| Irġiel | 65 | 46.8 % |
| Nisa | 74 | 53.2 % |
| Ċittadini tal-UE | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| Ċittadini minn barra l-UE | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| 15 sa 24 sena | 23 | 16.5 % |
| 25 sa 54 sena | 111 | 79.9 % |
| Età ’l fuq minn 54 sena | 5 | 3.6 % |

10. F'termini ta' kategoriji professjonali jitqassmu kif ġej:

| **Kategorija** | **Għadd** | **Perċentwali** |
|---|---|---|
| Professjonisti | 11 | 7.9 % |
| Tekniċi u professjonisti assoċjati | 17 | 12.2 % |
| Operaturi tal-impjanti u tal-magni u dawk li jimmuntaw | 111 | 79.9 % |

11. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, id-Danimarka kkonfermat li ġiet applikata politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll ta' nondiskriminazzjoni, u li din se tkompli tapplika matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-EGF u, b'mod partikolari, għall-aċċess għalih.

**<u>Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u l-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu:</u>**

12. It-territorju kkonċernat huwa l-muniċipalità ta’ Sønderborg, li kien stabbilit fl-1 ta' Jannar 2007 bħala amalgamazzjoni ta' seba' muniċipalitajiet preċedenti. Sønderborg għandu popolazzjoni ta’ 76 647. Geografikament, dan jikkonsisti f’żewġ partijiet differenti: il-gżira ta’ Als u l-peniżola ta’ Sundeved, ikkomunikati b’żewġ pontijiet fil-villaġġ ewlieni ta’ Sønderborg. Als għandu konnessjoni bil-vapurett minn Little Belt għal Fyn, iżda l-arterja ewlenija tat-trasport fil-Jutland tan-Nofsinhar hija lejn il-Punent tal-muniċipalità. Speċjalment Als ta' fuq, fejn Linak għandha l-kwartieri ġenerali tagħha, hija l-bogħod. Mill-belt ta' Sønderborg hemm biss 30km sal-fruntiera tal-Ġermanja, u parti mill-muniċipalità tinsab fuq in-naħa ta' fuq tal-Fjord ta' Flensburg, bi vjaġġ qasir fuq il-baħar sax-xatt ta' isfel tal-Ġermanja. Il-muniċipalità hija għalhekk parti mir-reġjun tal-fruntiera. Iżda Schleswig-Holstein ta' fuq, iż-żona ta' maġenbha, mhix 'reġjun ta' tkabbir' tal-Ġermanja. Fil-fatt, matul l-aħħar għaxar snin, kien hemm migrazzjoni sinifikanti ta' ħaddiema mill-Ġermanja

lejn Jutland ta' isfel.
Kieku ma kienx hemm ġemgħa kumpaniji tal-mekatronika madwar Danfoss, Als, b'mod partikolari, kienet tkun bla dubju żona ta' periferija, bħalma huwa l-każ pereżempju taż-żoni ġirien ta' Fyn ta' isfel u l-arċipelagu ta' Fyn ta’ Isfel. Iż-żona hija karatterizzata b'mod speċjali minn età relattivament għolja, u t-tbassir demografiku jagħti x'tifhem li se jkun hemm tnaqqis fil-popolazzjoni matul l-għaxar snin li ġejjin — mingħajr ma jitqiesu l-effetti ta' tnaqqis f'daqqa fl-attività ekonomika.
Anki jekk il-livell medju ta' edukazzjoni u taħriġ huwa raġonevolment għoli, xorta għadha karatteristika taż-żona li proporzjon sinifikanti tal-popolazzjoni dejjem sabet xogħol f'impjieg industrijali li ma jitlobx xi sengħa partikolari. Fil-parti l-kbira hija din it-taqsima tal-popolazzjoni li issa hija affettwata mill-globalizzazzjoni.

13. Il-partijiet ewlenin interessati jinkludu l-muniċipalità ta' Sønderborg u r-reġjun tad-Danimarka ta' Isfel.

**L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali**

14. L-industrija tal-ħadid u l-metall fil-muniċipalità ta' Sønderborg tirrappreżenta madwar 25% tal-impjiegi kollha fil-muniċipalità. Fl-ewwel disa' xhur tal-2009 l-qgħad reġistrat tela' b'aktar minn 300%, u l-industrija tal-ħadid u l-metall tat is-sensja lil iktar minn 1 600 impjegat matul l-istess żmien.

15. Id-Danimarka ressqet evidenza li ż-żieda fil-qgħad f'Sønderborg kienet ogħla mill-medja Daniża matul il-perjodu minn nofs is-sena tal-2008 sa nofs is-sena tal-2009. Matul dan il-perjodu l-għadd ta' ħaddiema bla xogħol f'Sønderborg żdied b'madwar 250%.

16. B'madwar 15% tal-forza tax-xogħol, is-settur tal-inġinerija kien l-ikbar settur waħdieni fiż-żona, u t-telf ta' impjiegi f'Linak A/S mhux se jiġi assorbit minn intrapriżi oħra. Mingħajr taħriġ mill-ġdid, il-ħaddiema bis-sensja x'aktarx se jsibuha iebsa li jerġgħu jiġu impjegati. Partikolarment rilevanti f'dan il-każ huwa l-fatt li impjegaturi oħra ewlenin li joffru x-xogħol fis-settur f'Sønderborg ukoll taw is-sensja lil għadd sinifikanti ta' ħaddiema. L-opportunità li l-ħaddiema jsibu x-xogħol fis-settur għalhekk naqset b'mod konsiderevoli.

**Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati u rendikont tal-ispejjeż stmati tiegħu, inkluża l-komplementarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali**

17. Id-Danimarka tipproponi pakkett ta' miżuri favur il-ħaddiema li ngħataw is-sensja li jinbena fuq tliet pilastri, u dan wara konsulenza vokazzjonali u pjazzament ta' ħaddiema inizjali: edukazzjoni u taħriġ, inċentivi ta' impjieg, u inċentivi għal min irid jibda negozju. Il-pakkett huwa ddisinjat biex iqis il-livelli ta' edukazzjoni tal-ħaddiema, is-sengħa tagħhom li jispostaw ruħhom, u l-opportunitajiet attwali jew mistennija ta' impjieg fir-reġjun. Għalkemm il-ħaddiema kollha fil-mira se jieħdu sehem fl-għoti ta' pariri inizjali u l-pjazzament, xi azzjonijiet oħra jistgħu jkollhom fil-mira numri iżgħar ta' ħaddiema, li xi wħud minnhom se jibbenefikaw minn aktar minn azzjoni waħda skont il-każ.

18. Ikun hemm konsulenza vokazzjonali u pjazzament inizjali sabiex jiġu identifikati l-aqwa għażliet għal kull ħaddiem individwalment. Kull ħaddiem fil-mira jingħatalu taħriġ bażiku biex jiġu identifikati l-ħiliet tiegħu u jinstab l-aqwa tqabbil mal-miżuri disponibbli tas-suq tax-xogħol attiv. Huwa stmat li 70% tal-ħaddiema bis-sensja se jagħmlu użu minn din l-azzjoni u l-ispiża stmata għal kull ħaddiem se tkun ta' EUR 3 356.

19. Il-pilastru 'edukazzjoni u taħriġ' jinkludi fih ħames azzjonijiet separati:

(1) Taħriġ supplimentari fit-turiżmu. Huwa stmat li 18-il ħaddiem, l-aktar minn fost dawk li għandhom livelli baxxi ta' edukazzjoni se jibbenefikaw mill-azzjoni, u l-ispiża stmata għal kull ħaddiem se tkun ta' EUR 6 644. L-azzjoni għandha l-għan li toffri lill-ħaddiema l-ħiliet rilevanti għas-settur turistiku li qed jikber fir-reġjun, inklużi l-ħiliet ta' reklamar, kummerċjalizzazzjoni, l-istrateġiji tal-promozzjoni tal-marka, il-kunċett ta' servizz u l-ġestjoni amministrattiva.

(2) Taħriġ supplimentari fit-teknoloġija tal-enerġija. Minħabba l-iffukar fuq is-sostenibbiltà, it-talba għall-ħaddiema tas-sengħa mill-intrapriżi żgħar, medji u kbar hija mistennija fir-reġjun. Qed jiġi propost li jiġu mħarrġa madwar 12-il ħaddiem, l-aktar dawk b'livelli baxxi ta' edukazzjoni, biex jidħlu f'din l-industrija, f'kollaborazzjoni mill-qrib mas-sidien li hemm fir-reġjun. L-ispiża stmata għal kull ħaddiem hija ta' EUR 6 644.

(3) Ħajra u żamma taż-żgħażagħ fl-edukazzjoni. Iż-żona ta' Sønderborg hija kkaratterizzata mill-fatt li għandha grupp ta' żgħażagħ mingħajr taħriġ. Saru ħafna inizjattivi biex tinstab soluzzjoni għal dan, iżda ma kellhomx l-effett mixtieq. Din l-azzjoni għandha l-għan li tħajjar ħaddiema iżgħar fl-età li huma bis-sensja biex ikomplu jistudjaw, u għal dan huwa meħtieġ appoġġ addizzjonali, inklużi pariri u appoġġ materjali u finanzjarju biex it-tranżizzjoni mix-xogħol għall-istudju tkun iktar faċli. Huwa stmat li 18-il ħaddiem b'livelli baxxi ta' edukazzjoni se jibbenefikaw minn din l-azzjoni, u l-ispiża stmata għal kull ħaddiem se tkun ta' EUR 6,711.

(4) Edukazzjoni u taħriġ fil-ġestjoni kummerċjali. Madwar 9 ħaddiema, l-aktar dawk b'livelli baxxi ta' edukazzjoni, se jingħataw taħriġ fl-aspetti tal-ġestjoni kummerċjali, bħall-kontabilità, l-ippjanar, il-komunikazzjoni, u l-ġestjoni strateġika. It-taħriġ se jinkludi kemm taħriġ fil-klassi kif ukoll dak prattiku (fuq ix-xogħol stess). L-ispiża stmata għal kull ħaddiem hija ta' EUR 7,114.

(5) Edukazzjoni għal min baqa' lura. Madwar 48 mill-ħaddiema ta' età aktar avvanzata (40-60 sena) b'livelli baxxi ħafna ta' edukazzjoni se jingħataw edukazzjoni f'oqsma bħall-qari, l-ortografija u l-matematika sabiex ikunu jistgħu jisfruttaw opportunitajiet oħra ta' edukazzjoni u impjieg. L-ispiża għal kull ħaddiem hija stmata li se tkun EUR 5 302.

20. Il-pilastru 'inċentivi ta' impjieg' fih tliet azzjonijiet separati:

(1) Inċentivi għal persuni ta' età iktar avvanzata li jixtiequ jibdlu l-karriera. Din l-azzjoni għandha l-għan li tipprovdi inċentivi lill-ħaddiema ta' età iktar avvanzata (40-60 sena) li ħadmu fis-settur tal-metall biex jieħdu l-opportunitajiet fis-setturi l-oħra. Fid-dawl tal-probabbiltà li s-settur tal-metall fir-reġjun mhux se jirkupra fil-ġejjieni

qrib, jeħtieġ li dawn il-ħaddiema jsibu għajnuna jiċċaqalqu lejn setturi oħra. Din l-azzjoni se tinkludi gwida u appoġġ għall-mobilità, u huwa stmat li madwar 12-il ħaddiem se jibbenefikaw minnha, bi spiża ta' EUR 4 952 għal kull ħaddiem

(2) Apprendistati u mentoraġġ. Mistenni li madwar 36 ħaddiem ta' età aktar żagħżugħa b'livell baxx ta' edukazzjoni se jibbenefikaw minn apprendistati u mentoraġġ, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' stabbilimenti fir-reġjun li fl-imgħoddi ngaġġaw ħaddiema minn setturi oħra. L-ispiża stmata għal kull ħaddiem hija ta' EUR 5,161. L-għan huwa li jiġi żgurat li dawn il-ħaddiema jibqgħu f'kuntatt mill-qrib mas-suq tal-impjiegi, biex kemm jista' jkun malajr isseħħ mill-ġdid l-integrazzjoni tagħhom.

(3) Taħriġ fil-kumpanija stess. Sabiex tkun aktar faċli l-integrazzjoni mill-ġdid tan-nies bla xogħol fis-suq tax-xogħol, din l-azzjoni toffri taħriġ fuq il-post tax-xogħol stess, speċjalment fl-IŻM, b'attenzjoni speċifika fuq il-ħiliet li jeħtieġu dawn id-ditti. Huwa stmat li madwar 36 ħaddiem bis-sensja se jibbenefikaw minn din l-azzjoni u l-ispiża stmata għal kull ħaddiem se tkun ta' EUR 5 772.

21. Il-pilastru 'inċentivi għall-imprendituri żgħażagħ' fih tliet azzjonijiet separati, li primarjament kollha kemm huma għandhom bħala għan il-ħaddiema ta' età aktar avvanzata, fost dawk li ngħataw is-sensja, li għandhom livelli baxxi ta' edukazzjoni:

(1) Appoġġ finanzjarju lill-persuni li jsiru imprendituri fis-setturi industrijali tat-tkabbir. Lill-ħaddiema bis-sensja li jiftħu kumpaniji ġodda fis-setturi li qed jikbru, bħas-setturi tad-divertiment jew tal-benessri, tingħatalhom għajnuna finanzjarja taħt forma ta' self bil-ħlas tal-interessi biss. Huwa mistenni li sitt min-nies jibbenefikaw minn dan. L-appoġġ finanzjarju jista' jingħata jekk il-ħaddiem bis-sensja jingaġġa impjegati fil-kumpanija tiegħu jew tagħha. Huwa stmat li s-self medju għal kull imprenditur ikun madwar EUR 26 846.

(2) Pariri fit-tul u mentoraġġ għall-imprendituri. Sabiex l-imprendituri l-ġodda jsibu l-għajnuna meħtieġa biex jirnexxu, din l-azzjoni tipproponi li toffri lill-imprendituri pariri għal tul ta' żmien u mentoraġġ. Mistenni li disgħa min-nies jibbenefikaw minnha u li għal kull ħaddiem l-ispiża stmata hija ta' EUR 4 027. Kull imprenditur ikollu persuna b'għarfien fis-settur li tiggwidah u li regolarment tikkonsulta miegħu u tagħtih pariri. Hemm pjanijiet biex l-iskema ta' mentoraġġ tibqa' għaddejja għal sena, u fl-istess ħin hemm ukoll pjanijiet biex jitwaqqfu gruppi ta' netwerks ġewwa s-setturi attwali u potenzjali ta' tkabbir, fejn l-imprendituri l-ġodda jistgħu jiltaqgħu, jiddiskutu u jikkooperaw.

(3) Appoġġ għall-istrateġiji ta' reklamar u l-promozzjoni tal-marka tal-imprendituri fis-setturi tat-tkabbir. Din l-azzjoni hija maħsuba biex tipprovdi pariri professjonali minn aġenzija tar-reklamar għall-promozzjoni tal-marka u r-reklamar tal-kumpaniji li jkunu għadhom jibdew. Huwa stmat li madwar żewġ ħaddiema se jibbenefikaw minn din l-azzjoni, li se tibqa' għaddejja għal sitt xhur, u l-ispiża stmata għal kull ħaddiem se tkun ta' EUR 8,054.

22. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF, li hija inkluża fl-applikazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni u kontroll kif ukoll tagħrif u pubbliċità.

23. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Daniżi huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Daniżi jistmaw li l-ispejjeż totali ta' dawn is-servizzi huma ta' EUR 1,771,544 u li l-ispiża għall-implimentazzjoni tal-EGF hija ta' EUR 95,393 (5.1% tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-EGF hija ta' EUR 1 213 508 (65 % tal-ispejjeż totali).

| Azzjonijiet | L-għadd stmat ta' ħaddiema fil-mira | L-ispiża stmata għal kull ħaddiem fil-mira (f'EUR) | Spejjeż totali (l-EGF u l-kofinanzjament nazzjonali) (f'EUR) |
|---|---|---|---|
| **Servizzi personalizzati** (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006) | | | |
| Pariri vokazzjonali u pjazzament | 139 | 3 356 | 466 443 |
| Edukazzjoni u Taħriġ | | | |
| Taħriġ supplimentari fit-turiżmu | 18 | 6 644 | 119 597 |
| Taħriġ supplimentari fit-teknoloġija tal-enerġija | 12 | 6 644 | 79 732 |
| Ħajra u żamma ta' żgħażagħ fit taħriġ taż-żgħażagħ jew taħriġ issoktat | 18 | 6 711 | 120 805 |
| Edukazzjoni u taħriġ fil-ġestjoni kummerċjali | 9 | 7 114 | 64 027 |
| Edukazzjoni għal min baqa' lura | 48 | 5 302 | 254 497 |
| Inċentivi għall-impjiegi | | | |
| Inċentivi għal persuni ta' età iktar avvanzata li jixtiequ jibdlu l-karriera. | 12 | 4 953 | 59 436 |
| Apprendistati u mentoraġġ | 36 | 5 161 | 185 799 |
| Taħriġ fil-kumpanija stess | 36 | 5 772 | 207 785 |
| Inċentivi għall-imprendituri żgħażagħ | | | |
| Appoġġ finanzjarju lill-persuni li jsiru imprendituri fis-setturi industrijali tat-tkabbir. | 6 | 26 846 | 161 074 |
| Pariri fit-tul u mentoraġġ għall-imprendituri | 9 | 4 027 | 36 242 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Appoġġ għall-istrateġiji ta' reklamar u l-promozzjoni tal-marka tal-imprendituri fis-setturi tat-tkabbir | 2 | 8 054 | 16 107 |
| **Sottototal tas-servizzi personalizzati** | | | **1 771 544** |
| **Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF** (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006) | | | |
| Attivitajiet ta' preparazzjoni | | | 14 309 |
| Ġestjoni | | | 47 696 |
| Tagħrif u pubbliċità | | | 14 309 |
| Attivitajiet ta' kontroll | | | 19 079 |
| **Sottototal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF** | | | **95 393** |
| **Stima tal-ispejjeż totali** | | | **1 866 936*** |
| ***Kontribuzzjoni tal-EGF (65 % tal-ispejjeż totali)*** | | | ***1 213 508*** |

*[*it-total ma jaqbilx minħabba li ċ-ċifri huma miġbudin għad-dritt]*

24. Id-Danimarka tikkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq huma komplementarji mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali.

**Id-data/i meta nbdew jew huwa maħsub li jinbdew servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati**

25. Fl-1 ta’ Ottubru 2009, id-Danimarka bdiet is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati u inklużi fil-pakkett koordinat propost lill-EGF għall-kofinanzjament. Din id-data għalhekk tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibilità għal kull għajnuna li tista' tingħata mill-EGF.

**Il-proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali**

26. Ir-reġjun tad-Danimarka ta' Isfel u l-muniċipalità ta' Sønderborg ħejjew l-applikazzjoni b'mod konġunt, bl-involviment ta' bosta imsieħba soċjali, inklużi għaqdiet industrijali, sindakati u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ. Saret ukoll seduta dwar il-kwistjoni li tħabbret fl-istampa lokali u tar-reġjun, u l-partijiet kollha interessati setgħu jieħdu sehem.

27. L-awtoritajiet Daniżi kkonfermaw li r-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Komunità dwar is-sensji kollettivi ġew sodisfatti.

**Tagħrif dwar azzjonijiet li huma obbligatorji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi**

28. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Daniżi fl-applikazzjoni tagħhom:

- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF ma tiħux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi,
- urew li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għal ħaddiema individwali u m'għandhomx jintużaw għar-ristrutturazzjoni ta' kumpaniji jew setturi,
- ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija fil-punti 17 sa 24 hawn fuq ma jirċevux għajnuna minn strumenti finanzjarji Komunitarji oħra.

**Is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll**

29. Id-Danimarka nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji se jkunu ġestiti u kkontrollati mill-istess entitajiet li jiġġestixxu u jikkontrollaw il-ġbir ta' fondi għall-Fond Soċjali Ewropew (ESF) fid-Danimarka.

**Finanzjament**

30. Fuq il-bażi tal-applikazzjoni mid-Danimarka, il-kontribuzzjoni proposta mill-EGF għall-pakkett ikkoordinat tas-servizzi personalizzati hija ta' EUR 1 213 508, li tirrappreżenta 65% tal-ispiża totali. L-allokazzjoni proposta tal-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq l-informazzjoni li ngħatat mid-Danimarka.

31. Minħabba l-kontribut massimu possibbli mill-EGF stabbilit skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll l-ambitu tar-riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li tuża l-ammont totali msemmi hawn fuq mill-EGF, li għandu jiġi allokat taħt l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.

32. L-ammont ta' kontribut finanzjarju propost jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokat għall-EGF jibqa' disponibbli biex ikun allokat matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulat fl-Artikolu 12 (6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

33. Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex timmobilizza l-EGF, il-Kummissjoni qiegħda tniedi l-proċedura ssemplifikata tat-trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tikseb il-qbil taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jiġi użat l-EGF u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta tal-mobilizzazzjoni, fil-livell politiku xieraq, biex tinforma lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni dwar l-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, tissejjaħ laqgħa formali tat-trijalogu.

34. B'mod separat il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex iddaħħal fil-baġit għall-2010 approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagamenti speċifiċi, kif meħtieġ mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

**Sors tal-approprjazzjonijiet tal-pagamenti**

35. Fl-istat attwali ta' implimentazzjoni, jista' jiġi previst li l-approprjazzjonijiet tal-pagamenti disponibbli skont il-linja tal-baġit 01.04 05 'Tlestija tal-programm għall-

intrapriżi: titjib tal-ambjent finanzjarju għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (IŻM)' fl-2010 mhux se jintużaw kollha din is-sena.

L-approprjazzjonijiet tal-pagamenti jiġu trasferiti lejn il-kontijiet fiduċjarji kif meħtieġ biex jiġi żgurat li l-Fond ta' Investiment Ewropew (FIE) f'kull waqt ikun f'qagħda li jwettaq pagamenti lill-intermedjarji finanzjarji.

Il-kriżi finanzjarja kellha effett ewlieni fuq il-profil tal-pagamenti tal-istrumenti finanzjarji, b'mod partikolari dawk fil-qasam tal-kapital ta' riskju. Skont l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kapital ta' Riskju (EVCA), l-investimenti u d-divestimenti (ħruġ) naqsu b'aktar min-nofs bejn l-2007 u l-2009 meta mqabbla mal-qagħda ta' qabel il-kriżi. Dawn l-iżviluppi kellhom ukoll impatt sostanzjali fuq it-tbassir f'termini ta' pagamenti għall-2010.

Bħala konsegwenza tal-elementi ta' hawn fuq, l-approprjazzjonijiet ta' pagamenti previsti fil-baġit tal-2010 mhux se jkunu meħtieġa kompletament fl-2010. L-ammont ta' EUR 1 213 508 għalhekk jista' jsir disponibbli għal trasferiment.

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'applikazzjoni tal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/031 DK/Linak mid-Danimarka)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda[4] , u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea[6],

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema mogħtija s-sensja minħabba bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjin dovuti għall-globalizzazzjoni u sabiex jiġu megħjuna fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) L-għan tal-EGF twessa’ għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta’ Mejju 2009 biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema li jkunu sfaw qiegħda bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

(3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-EGF fil-limitu massimu annwali ta’ EUR 500 miljun.

(4) Id-Danimarka bagħtet applikazzjoni biex timmobilizza l-EGF, fir-rigward tas-sensji fil-Linak A/S. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 1 213 508.

---

4 ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
5 ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.
6 ĠU C […], […], p. […].

(5) L-EGF għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mid-Danimarka.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 1 213 508 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*